MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2020

Rikors Kostituzzjonali Numru 99/2018 LM

**Maria Carmela Pace (K.I. numru 182839M), Josette Spiteri (K.I. numru 18459M) u Vivienne Scicluna (K.I. numru 0262174M); Louis Scicluna (K.I. numru 663257M) u Anton Spiteri (K.I. numru 189457M)**

***vs.***

**L-Avukat Ġenerali; ir-Reġistratur tal-Qorti; Bank of Valletta p.l.c.; il-Kummissarju tat-Taxxi; u għal kull interess li jistgħu jkollhom b'digriet tat-30 ta' Ottubru, 2018, l-Avukat Dr Charmaine Cherrett u l-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi ġew maħtura bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetà Britannia Catering Company Ltd; Joecar Limited; Josette Ltd; Vivienne Ltd; Perit Anthony Fenech Vella; u The General Soft Drinks Company Limited (C 1591)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kostituzzjonali ppreżentat fl-1 ta' Ottubru, 2018, mir-rikorrenti **Maria Carmela Pace (K.I. numru 182839M), Josette Spiteri (K.I. numru 18459M),**

**Vivienne Scicluna (K.I. numru 0262174M), Louis Scicluna (K.I. numru 663257M) u Anton Spiteri (K.I. numru 189457M)** [minn issa ‘l quddiem “ir-rikorrenti”], li jgħid kif ġej:

*“Jesponu bir-rispett:*

1. *Premess illi b’diversi sentenzi mogħtija fis-sena 1998 u anke sussegwentement il-Bank of Valletta plc ġie kanonizzat kreditur tagħhom u ta’ Joseph Pace għall-somma inġenti bl-imgħax;*
2. *U billi s-sentenzi in kwistjoni huma s-segwenti:*
   a. ***Bank of Valletta v** Britannia Catering Company Limited; **Joseph u Maria miżżewġin Pace**; Vivienne Limited u Joecar Limited (Ċit Nru 2552/96) deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 t’April 1998 fejn il-Bank ġie kanonizzat kreditur tal-konvenuti f’dik il-kawża fl-ammont komplessiv ta’ 1,041,605.10 Euro bl-imgħax mill-1 t’April 1996 sad-data ta’ pagament effettiv;*
   b. ***Bank of Valletta plc v Lewis u Vivienne miżżewġin Scicluna; Joseph u Maria Carmen Pace** (Ċit Nru 2391/97) deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta’ Ġunju 1998 fejn il-Bank ġie kanonizzat kreditur tal-konvenuti fl-ammont komplessiv ta’ 104,183.18 Euro bl-imgħax mill-1 t’Ottubru 1995 sad-data ta’ pagament effettiv;*
   c. ***Bank of Valletta plc v Anton u Josette miżżewġin Scicluna; Joseph u Maria Carmen Pace** (Ċit Nru 2391/97) deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta’ Ġunju 1998 fejn il-Bank ġie kanonizzat kreditur tal-konvenuti fl-ammont komplessiv ta’ 104.182.58 Euro bl-imgħax mill-1 t’Ottubru 1995 sad-data ta’ pagament effettiv;*
3. *U billi apparti d-dejn fuq premess, Joseph u Maria Carmela Pace ikkostitwew ruħhom debituri tal-Bank intimat f’ammonti oħrajn b’atti pubbliċi ulterjuri;*
4. *U billi r-rikorrenti Josette u Anton konjuġi Spiteri u Vivienne u Louis konjuġi Scicluna kienu wkoll debituri tal-Bank fosthom minħabba kif ġew infurmati minħabba li kienu garanti ta’ Joseph Pace u tas-soċjetajiet l-oħra fuq imsemmijin intimati.*
5. *U billi fit-22 ta’ Novembru 2005 bl-għan li jitħallas, il-Bank of Valletta kien ipproċeda b’subbasta fuq diversi propjetà immobbli tar-rikorrenti u senjatament:*

a. *Il-flat internament numerat wieħed (1) formanti parti minn blokk flats bin-numru uffiċjali 37, f'Tigne SeaFront, Sliema proprjetà ta' Joseph u Maria Carmela Pace;*
b. *Il-fond numerat 36, Tigne SeaFront, Sliema proprjetà ta' Joseph u Maria Carmela Pace;*
c. *Il-flat internament numerat erbgħa (4) formanti parti minn blokk flats bin-numru uffiċjali 37 f'Tigne SeaFront, Sliema proprjetà ta' Josette Spiteri;*
d. *Il-flat internament numerat ħamsa (5) formanti parti minn blokk flats bin-numru uffiċjali 37 f'Tigne SeaFront, Sliema proprjetà ta' Vivienne Spiteri;*

6. *Illi l-proprjetà kollha inbiegħet għas-somma komplessiva ta'* ***Lm650,000 ekwivalenti għal €1,514,092.71****, liema somma ġiet depożitata taħt l-Awtorità tal-Qorti b'Ċedola ta' Depożitu numru 1240/05;*

7. *U billi wara li ġiet depożitata l-imsemmija somma (fis-sena 2005) is-soċjetà bankarja Bank of Valletta plc intavolat rikors b'liema talbet l-iżbank tas-somma fuq imsemmija liema talba ġiet opposta minn kredituri oħra;*

8. *U billi għalhekk filwaqt li eventwalment is-somma ta' Lm320,000 ġiet żbankata u attribwita għad-dejn mir-rikorrenti Vivienne u Lewis Scicluna u Josette Spiteri; fir-rigward tal-bqija tal-ammont (Lm330,000) dawn ġew attribwiti lejn id-djun ta' Joseph u Maria Carmela Pace u ffurmaw il-mertu ta' talba għal konkors tal-kredituri;*

9. *U billi kien biss f'dan l-istadju u ċioe fit-22 ta' Awwissu 2008, tlett snin wara d-depożitu, li l-istess Bank intavola rikors quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili għall-konkors tal-kredituri* ai termini *tal-Artikolu 416 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta liema proċedura iġġib in-numru* ***851/2008****;*

10. *U billi s-sentenza finali fl-atti ta' dak ir-rikors ingħata mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-4 ta' Mejju 2017, b'liema il-konkors ġie deċiż testwalment bil-mod segwenti:*

    1. Is-soċjetà rikorrenti Bank of Valletta plc fl-ammont ta' Lm70,000 (sebgħin elf Liri Maltin), illum €163,056.14 (mija u tlieta u sittin elf u sitta u ħamsin Euro u erbatax-il ċenteżmu), **oltre l-imgħax legali dovut**;

    2. Is-soċjetà rikorrenti The General Soft Drinks Limited fl-ammont ta' Lm60,000 (sittin elf Liri Maltin), illum €139,762.40 (mija u disa' u tletin

self seba' mija u tnejn u sittin Euro u erbgħin ċenteżmu), **oltre l-imgħax legali dovut;**

3. Is-soċjetà rikorrenti Bank of Valletta plc fl-ammont rimanenti;

u dan wara li sabet illi l-Kummissarju tat-Taxxi ma jgawdi ebda privileġġ speċjali fuq is-somma depożitata u li għalhekk isegwi li l-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi li għandu li jippregradwa lil kulħadd mhiex ġustifikata u li l-ammont depożitat permezz taċ-ċedola bin-numru 1240/2005 għandu jiġi żbankat minn dawk il-konkorrenti li huma kredituri ipotekarji qabel kredituri oħra u dan skont l-ordni tal-iskrizzjoni ta' dawk l-ipoteki kif jipprovdi l-artikolu 2092 tal-Kap. 16. Jirriżulta li b'dan il-mod, mill-ammont depożitat permezz tal-imsemmija ċedola ser jitħallsu biss is-soċjetajiet The General Soft Drinks Company Limited u in parti Bank of Valletta plc u għaldaqstant, m'hemmx skop li din il-Qorti tippronunzja ruħha dwar il-kreditu tal-Perit Anthony Fenech Vella u tal-Kummissarju tat-Taxxi.

11. *U billi l-proċeduri ġudizzjarji għal konkors ta' kredituri lamentat damet ftit anqas min għaxar snin bil-maġġorparti tad-differimenti moħlija għar-raġunijiet proċedurali bħal notifiki tal-partijiet fil-proċeduri, ħatra kuraturi, u leġitimazzjoni tal-atti u mhux għaliex in-natura tal-każ kien b'xi mod kumpless oltre li l-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi kienet bla bażi;*

12. *U billi minħabba dan id-dewmien, id-debituri kellhom isofru imgħaxijiet ta' diversi snin b'dan li għalhekk, minkejja li r-rikavat mill-bejgħ tal-appartamenti (użati ukoll bħala residenzi tar-rikorrenti) kollha kellu jissodisfa b'mod sostanzjali d-dejn li kien hemm, ġara li l-ħlas ma kellu l-ebda effett fuq il-bilanċ, għaliex l-ammont miġbur inbelgħa f'imgħaxijiet;*

13. *U billi jirriżulta li l-esponenti qegħdin jitqiesu bħala garanti għad-djun u għalhekk huma għadhom sallum responsabbli għall-ħlas tal-istess;*

14. *U billi ma huwiex ġust, u addirittura vjolazzjoni tad-dritt tagħhom li proċeduri ġudizzjarji jiġu deċiżi fi żmien raġonevoli, u wisq anqas li r-rikorrenti iġorru l-piż tad-dewmien tal-proċeduri legali;*

15. *U billi inoltre fuq kollox ir-rikorrenti Josette Spiteri u Vivienne Scicluna spiċċaw leżi mill-proprjetà tagħhom u fl-istess ħin baqgħu msallbin bi djun bħala garanti, u inoltre l-patrimonju tagħhom ġie wkoll ridott mingħajr kumpens minħabba li minkejja l-bejgħ b'subbasta ta' proprjetà immobbiljari u l-iżbank tal-prezz derivanti mill-bejgħ huma spiċċaw li baqgħu debituri minħabba d-dewmien tal-proċeduri, f'dan ir-rigward għandhu jiġi emfasizzat, l-Bank intimat*

*qatt ma ta rendikont sodisfaċenti tal-pretensjoni attwali tiegħu kontrihom minkejja numru t'interpellanzi fir-rigward.*

16. *U billi dan id-dewmien irraġonevoli jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319) li jiddisponi illi d-determinazzjoni tad-drittijiet jew obbligi ċivili għandhom jinqatgħu fi żmien raġjonevoli;*

17. *U billi inoltre l-fatti fuq esposti u dak li ser jirriżulta tul it-trattazzjoni ta' dina l-kawża għandu jirriżulta li r-rikorrenti sofrew minn leżjoni tad-dritt ta' tgawdija tal-proprjetà;*

*Għaldaqstant in vista tas-suespost ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, salv kwalunkwe provvediment li jidhrilha xieraq u opportun jogħġobha:*

1. *Tiddikjara illi l-fatti hawn fuq esposti jammontaw għal ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;*
2. *Tiddikjara illi l-fatti hawn fuq esposti jammontaw għal ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem*
3. *Konsegwentement tagħti rimedju xieraq u opportun, inkluż il-liwkidazzjoni ta' danni ekwivalenti rappreżentanti l-leżjoni tad-dritt tagħhom inkluż għall-imgħaxijiet kollha li soffrew inutilment minħabba d-dewmien f'dawn il-proċeduri."*

Rat ir-risposta konġunta tal-intimati **l-Avukat Ġenerali** u tal-**Kummissarju tat-Taxxi** ppreżentata fil-21 ta' Novembru, 2018, fejn wieġbu kif ġej:

*"Jgħidu bil-qima:*

1. *Illi qabel xejn l-esponenti jqisu li r-rikorrenti, għajr għal Maria Carmela Pace, ma jistgħux jilmentaw bl-allegat dewmien fil-proċeduri tal-konkors ta' kredituri fl-ismijiet* **Bank of Valletta vs. X (Rik. Nru. 851/2008AF***), għaliex dawn lanqas biss ħadu sehem fihom, la bil-miktub u lanqas bil-preżenza tagħhom;*
2. *Illi hekk ukoll ladarba l-ilment kostituzzjonali/konvenzjonali huwa marbut biss mal-konsegwenzi li ġab miegħu l-allegat dewmien fil-proċeduri tal-konkors ta' kredituri fl-ismijiet* **Bank of Valletta vs. X (Rik. Nru. 851/2008AF***), allura r-rikorrenti ma kellhomx għalfejn joqgħodu jħarrku lill-intimati kollha msemmija fl-okkju. Kien biżżejjed li jħarrku biss lill-Avukat Ġenerali skont l-***artikolu 181B**

***tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, b'dana għalhekk li l-imħarrkin l-oħra għandhom jiġu kollha meħlusin mill-ħarsien tal-ġudizzju, bl-istess rikorrenti jbatu l-ispejjeż;*

3. *Illi, bla ħsara għall-premess, sa fejn ir-rikorrenti qegħdin jilmentaw fuq id-dewmien fil-proċeduri ġudizzjarji, jissokta jingħad li għalkemm il-kawża ċivili jidher li damet disa' snin biex intemmet dan ma jfissirx b'daqshekk li, b'mod awtomatiku, għandu jinstab li kien hemm dewmien inġustifikat. Tabilħaqq hija ġurisprudenza kostanti u stabbilita li l-irraġonevolezza taż-żmien m'għandux jiġi determinat fl-astratt jew min-numru ta' snin li tkun damet għaddejja l-kawża, imma għandu jitqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jkun. Għalhekk, il-proċedura ġudizzjarja mertu tal-allegazzjoni trid tkun eżaminata fis-sħiħ tagħha u ma jistax ikun eżaminat biss element jew parti waħda minn din il-proċedura;*

4. *Illi huwa aċċettat ukoll li m'hemm l-ebda limitu ta' żmien li l-Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċedura quddiemha għax inkella l-interessi tal-ġustizzja jiġu ppreġudikati minħabba għaġġla żejda u inkonsulta;*

5. *Illi, mingħajr preġudizzju għal dak li għadu kemm ingħad, sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkunsidra b'mod serju t-talba tar-rikorrenti jrid jiġi ppruvat li mhux biss il-każ dam pendenti iżda li tali dewmien kien wieħed kapriċċjuż u maħsub biss biex jiżvantaġġah fit-tgawdija tad-drittijiet tiegħu skont il-liġi. Sewwasew fil-każ tal-lum id-dewmien ma kienx wieħed kapriċċjuż jew irraġonevoli iżda kien dovut mhux biss minħabba n-natura teknika li kien jinvolvi l-każ iżda anke minħabba l-fatt li kien hemm ħafna partijiet involuti fil-konkors tal-kredituri;*

6. *Illi fi żgur imbagħad ma jistax jingħad li r-rikorrenti ħadu xi sehem attiv f'dawn il-proċeduri jew għamlu l-almu tagħhom biex iħaffu l-proċess għaliex mill-atti tal-konkors tal-kredituri jidher li ħadd mir-rikorrenti ma qatt deher quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Dan ġie rimarkat ukoll mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha. L-assenza tar-rikorrenti tul il-proċess kollu tal-konkors tal-kredituri hija xbieha ċara ta' kemm ir-rikorrenti kienu interessati f'dan il-proċess. Għalhekk jekk ir-rikorrenti batew xi effetti legali minħabba d-deċiżjoni finali mogħtija f'dawk il-proċeduri tal-konkors tal-kredituri, dan huwa tort tagħhom għaliex, b'għażla tagħhom stess, iddeċidew li ma jagħtux kashom;*

7. *Illi lil hinn minn dan kollu, jekk id-dejn ewlieni li r-rikorrenti jridu jħallsu lill-kredituri tagħhom kiber minħabba li baqa' jinġema' l-imgħax fuqu, dan huwa*

*dovut għaliex ir-rikorrenti baqgħu ma ħallsux djunhom u mhux għaliex kien hemm dewmien fil-proċeduri tal-konkors tal-kredituri;*

8. *Illi,* multo magis, *ma jirriżultax li l-proċeduri tal-konkors tal-kredituri kienu jolqtu d-dejn kollu li r-rikorrenti kellhom mal-kredituri tagħhom iżda kien jolqot biss parti minnu, fl-ammont ta' €768,693.22 (qabel Lm330,000), li kien ġie depożitat fil-Qorti wara l-bejgħ ta' xi postijiet li kienu ta' Maria Carmela Pace. Għalhekk ir-rikorrenti ma jistgħux jilmentaw għaliex inġema' l-imgħax fuq ammonti oħra li kellhom jagħtu lill-kredituri tagħhom li ma kinux ġew depożitati fil-Qorti;*

9. *Illi fis-sewwa r-rikorrenti lanqas m'għandhom raġun jilmentaw mill-fatt li seta' nġema' l-imgħax fuq is-somma ta' €768,693.22 li ġiet iddepożitata fil-Qorti għaliex ir-rikorrenti kellhom kull jedd taħt l-**artikolu 422 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li jitolbu lill-Qorti li kienet qegħda tiddeċiedi l-konkors biex ma tħallix li jinġemgħu l-imgħaxijiet fuq dak l-ammont. Madankollu r-rikorrenti naqsu milli jieħdu l-passi meħtieġa skont il-liġi biex iwaqqfu l-imgħaxijiet milli jibqgħu jinġemgħu u la dan kien hekk, huma jridu jbatu l-konsegwenzi ta' għemilhom;*

10. *Illi għalhekk mhuwiex sew li r-rikorrenti jippruvaw jinqdew b'dawn il-proċeduri kostituzzjonali bit-tama li forsi jiksbu xi kumpens mill-Istat Malti ħalli b'hekk ikunu jistgħu jaqtgħu parti mid-djun li għandhom ma' terzi. F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk l-ewwel talba tar-rikorrenti, kif mibnija fuq l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta,** mhijiex ġustifikata u għandha tiġi miċħuda;*

11. *Illi, bla ħsara għall-premess, sa fejn it-tieni talba tar-rikorrenti tolqot l-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni**, din hija għalkollox improponibbli għaliex skont l-**artikolu 37(2)(f)** u **(j) tal-Kostituzzjoni**, ebda ħaġa f'dan l-artikolu m'għandha tinftiehem li tolqot l-għemil jew ħdim ta' xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà, li sseħħ fil-kuntest ta' eżekuzzjoni ta' kuntratt u/jew ordni tal-Qorti. F'kull każ, ebda ksur tal-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** ma jista' jiġi misjub hawnhekk, minħabba li fiċ-ċirkostanzi fattwali ta' dan il-każ il-Gvern ta' Malta ma ħa l-ebda proprjetà b'mod obbligatorju jew imġiegħel mingħand ir-rikorrenti;*

12. *Illi dwar l-ilment l-ieħor tar-rikorrenti, kif mibni fuq l-**ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**, l-esponenti jtennu illi l-Istat, fl-ebda waqt tal-proċeduri tal-konkors ta' kredituri, ma ħa xi proprjetà lir-rikorrenti jew b'xi mod fixkilhom fit-tgawdija ta' ġidhom. Barra minn hekk, huma kellhom kull ċans li jiddefendu ruħhom fil-proċeduri tal-konkors ta' kredituri u la dan m'għamluhx* imputet sibi*;*

13. *Illi t-tielet talba tar-rikorrenti hija konsegwenzjali għall-ewwel żewġ talbiet. Darba li fil-fehma tal-esponenti l-ewwel żewġ talbiet ma jistgħux jintlaqgħu, għandha taqa' wkoll it-tielet talba;*

*Għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti hija umilment mitluba tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti u tiddikjara li huma ma batew l-ebda ksur tal-jeddijiet kostituzzjonali/konvenzjonali tagħhom, bl-ispejjeż jitħallsu mill-istess rikorrenti."*

Rat ir-risposta tal-intimat **il-Perit Anthony Fenech Vella** ppreżentata fis-27 ta' Novembru, 2018, fejn wieġeb kif ġej:

*"Jesponi bir-rispett:*

1. *Illi l-esponenti ma jista' jiġi qatt ikkundannat kif qiegħdin jitolbu r-rikorrenti peress li l-esponenti fl-ebda mod ma tawwal il-proċedura tal-konkors tal-kredituri (Rikors numru 851/2008AF) li jirreferu għaliha.*

2. *Illi huwa minnu li l-esponenti talab li jikkonkorri fil-proċedura fuq imsemmija, iżda ta' dan huwa ma jista' jiġi fl-ebda mod ikkastigat. Biss biss l-ebda ammont li kien jifforma parti miċ-ċedola ma ġie akkordat lill-esponenti, u għalhekk l-esponenti finalment ma silet l-ebda benefiċċju mill-istess proċedura.*

3. *Illi jingħad li r-rikorrenti odjerni kienu debituri tal-esponenti wara li naqsu milli jħallasuh għas-servizzi professjonali li kien irrendilhom, tant li kien kostrett jirreġistra ipoteka speċjali fuq il-proprjetà immobbli li ġiet eventwalment mibjugħa bil-proċedura tas-subbasta sabiex jikkawtela l-pożizzjoni tiegħu. Huwa inkredibbli kif ir-rikorrenti odjerni qiegħdin jitolbu ħlas ta' danni mingħand l-esponenti sempliċement għaliex kellu jaġixxi biex jitħallas proprju minħabba l-inadempjenza tagħhom.*

4. *Illi mill-atti tar-rikors numru 851/2008 AF jirriżulta li r-rikorrenti odjerni opponew għall-konkors ta' kredituri u anke ttantaw irażżnu l-istess proċess, u dana ta' bilfors wassal għal dewmien."*

Rat ir-risposta tas-soċjetà intimata **Bank of Valletta p.l.c.** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà intimata BOV") tat-28 ta' Novembru, 2018, fejn wieġbet hekk:

*"Tesponi bir-rispett:*

*(i) Illi, preliminarjament l-esponenti umilment teċċepixxi illi Din l-Onroabbli Qorti għandha Tiddeklina milli teżerċita l-poteri kostituzzjonali Tagħha stante li r-rikorrenti, mhux talli ma utilizzawx ir-rimedji ordinarji, imma talli,* a tempo verrgine *u waqt li kienu qed iseħħu l-proċeduri li minnhom jillanjaw f'din il-kawża, huma għamlu minn kollox biex jostakolaw tali proċeduri;*

*a) Jekk il-lanjanza hija dwar id-dewmien fl-ipproċessar taċ-Ċedola ta' Depożitu numru 1240/05 u dawk għall-iżbank tas-somma depożitata in segwitu tal-bejgħ in subbasta, l-esponenti tagħmel riferenza għad-diversi proċeduri istitwiti mill-istess rikorrenti jew min minnhom, u Joseph Pace, biex jattakkaw il-validità tal-istess Ċedola ta' Depożitu bħal ad eżempju l-kawża Ċitazzjoni numru 1006/05; Ċitazz numru 1018/2005 u Ċitazzjoni numru 1017/2005 u anke ostakoli oħra kif ser jissemma waqt dawn il-proċeduri; u*

*b) Jekk qed jillanjaw mill-proċeduri tal-konkors tal-kredituri, kif anke ammess mill-istess rikorrenti fir-rikors promotur tagħhom, ħafna mid-dewmien kien kawżat minn proċeduri bla bżonn ta' notifika; notifika lill-istess rikorrenti f'din il-kawża u Joseph Pace li għal kull notifika, stante li ma kien hemm qatt ebda ko-operazzjoni, dejjem tali notifiki jispiċċaw jieħdu xhur twal sakemm jitlesta il-proċess kollu u jitwassal għall-pubblikazzjoni u l-affissjoni. Hija l-umili sottomissjoni tal-esponenti illi li kieku verament ir-rikorrenti kellhom interess li jaraw li l-proċeduri ikunu spediti u li ma jinħelix ħin sabiex il-proprjetà li kellhom tissodisfa kemm jista' jkun mill-kreditu dovut lill-esponenti* a tempo vergine*, kien jispetta lilhom illi joqgħodu lura minn tali ostakoli u jikkoperaw fil-proċeduri.*

*(ii) Illi, subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, l-esponenti umilment tissottometti illi r-riżoluzzjoni ta' din il-kawża hija preponderatament fil-produzzjoni tal-atti ġudizzjarji relattivi u minn issa l-esponenti tixtieq umilment tirriżerva illi tipproduċi dawk l-atti illi ir-rikorrenti fl-istadju tal-provi ġudizzjarji li r-rikorrenti fl-istadju tal-provi tagħhom jonqsu li jipproduċu, sabiex din il-Qorti jkollha stampa sħiħa ta' kif imxew il-proċeduri kollha minn meta l-bank esponent beda bil-kawżi għall-kanonizzazzjoni kontra r-rikorrenti u Joseph Pace u sussegwentament beda jeżegwixxi t-titoli eżekuttivi illi l-istess bank kellu kontra l-istess rikorrenti;*

*(iii) Illi, subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, minkejja dak kollu li jissemma, il-proċeduri ta' Konkors ta' Kredituri ġew skaturati u neċessitati minħabba illi r-rikorrenti u Joseph Pace ma ħallsux id-debiti li kellhom mal-bank esponent u ma' diversi kredituri oħra fosthom uħud mill-intimati f'din il-kawża u għalhekk kienet ġiet neċessitata l-proċedura prevista fl-Artikolu 416 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet għall-ftuħ ta' Konkors ta' Kredituri. Ir-rikorrenti ma jistgħux jillanjaw minn dewmien meta kienu*

*huma, flimkien ma' Joseph Pace, illi ma ħallsux diversi kredituri, liema nuqqas ta' ħlas ipprovoka tali konkors stante li min iħares id-drittijiet tiegħu bil-proċeduri legali bil-mezzi li ttih il-liġi ma hux tenut li qed jikkawża xi forma ta' dannu;*

*(iv) Illi, subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, il-lanjanza fir-rigward tat-teħid ta' proprjetà forżusa mingħajr kumpens xieraq hija wkoll kontra l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikoklu 1 tal-Ewwel Protokoll ukoll miċħuda stante li hija ġurisprudenza inveterata li kull kreditur għandu dritt jinforza d-drittijiet kirografarji u f'dan il-każ anke privileġġarji u ipotekarji li jkollu sabiex jiġi sodisfatt, safejn possibbli, il-kreditu lilu dovut mill-proprjetà tad-debitur tiegħu. Jiġi hawn senjalat illi fid-data tad-depożitu tal-prezz taċ-ċedola ta' depożitu fuq imsemmija u ċioe fit-28 ta' Diċembru 2005, ir-rikorrenti kienu debituri tas-soċjetà rikorrenti għal mijiet ta' eluf ta' Liri Maltin li bil-ferm jissuperaw is-somma li fuqha ġie miftuħ il-Konkors ta' Kredituri; Għalhekk anke kieku ma sarx l-istess konkors ta' kredituri u l-esponenti rċeviet il-ħlas kollu mertu tal-Konkors ta' Kredituri mingħajr il-bżonn tal-istess konkors, ir-rikorrenti kien jifdallhom somom inġenti xi jħallsu lis-soċjetà esponenti;*

*(v) Illi, subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, biex ma tingħatax l-impressjoni żbaljata li l-Bank mexa b'xi mod mgħaġġel f'dawn il-proċeduri, billi ippressa inutilment lill-istess rikorrenti, għandu jingħad li l-bank ilu jippossjedi titoli eżekuttivi ta' mill-anqas mis-sena 1998 – data li fiha ottjena s-sentenza "Bank of Valletta p.l.c. vs Brittania Catering Company Limited et" (Ċitazz. Numru 2552/96) - ir-rikorrenti kellhom kull opportunità li ġja kienet għal somma ferm konsiderevoli, u kien jispetta lir-rikorrenti u lil Joseph Pace li jaraw li jippruvaw ibiegħu il-proprjetà fuq is-suq sabiex ikun jista' jħallas lill-bank u talvolta l-kredituri l-oħra li kellhom. Minflok ma sar xejn minn dan u l-istess Joseph Pace ġab lir-rikorrenti f'pożizzjoni li tottjeni titoli eżekuttivi oħra kontra l-istess familja Pace u r-rikorrenti u teżegwihom bid-diffikultajiet kollha tal-eżekuzzjoni u b'rikorsi frekwenti għall-affissjoni u revoki ta' proċeduri u kien dan prinċipalment li wassal għall-istat li fih jinsabu ir-rikorrenti llum;*

*(vi) Illi, subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, l-esponenti ma tistax ma tinnotax illi fl-istess talbiet kostituzzjonali intavolati f'dan ir-rikors teżisti kontradizzjoni lampanti għaliex filwaqt li fl-ewwel talba qed jillnjaw li l-proċeduri kontrihom damu b'mod aktar milli mistenni, fit-tieni talba, dak li qegħdin jissottomettu r-rikorrenti huma li huma kellhom proprjetà tajba li setgħet tħallas id-debiti tagħhom* a tempo vergine. *Hawn jinsorġi bilfors ir-rekwiżit jekk dan kien minnu, għaliex ir-rikorrenti u Joseph Pace ma qabdux u biegħu il-proprjetà u ħallsu l-krediti tagħhom sabiex jeħilsu mill-pretensjonijiet tal-kredituri u minflok għażlu t-triq li jostakolaw kull proċedura għall-kanonizzazzjoni u/jew eżekuzzjoni ta' xi titolu li jintavolaw il-kredituri inkluż l-istess esponenti;*

*(vii) Illi, subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, u anke sabiex Din il-Qorti jkollha l-istampa ampja tas-sitwazzjoni, jiġi umilment sottomess li għandu jittieħed in konsiderazzjoni mhux biss il-krediti dovuti lill-esponenti, lill-Kummissarju tat-Taxxa intimat, Perit Fenech Vella u lill-General Soft Drinks, imma l-kredituri kollha tal-familja Pace bħal HSBC Bank Malta p.l.c. u kredituri oħra li, kif ser jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża għadhom sal-lum mhux imħallsa u dan jingħad illi bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma seta' wieħed jasal għall-konklużjoni li l-proprjetà immobbiljari f'isem Joseph u Maria Pace setgħet tissodisfa l-pretensjoniijiet tal-kredituri tagħhom f'xi żmien;*

*(viii) Illi l-esponenti finalment tissottometti wkoll illi għalkemm huma l-proċeduri Kostituzzjonali huma utili u meta jintużaw b'mod korrett huma essenzjali f'kull socjetà demokratika, hemm limitu ghal kollox u anke għal mod kif jiġu utilizzati l-proċeduri kostituzzjonali, u jekk Din l-Onorabbli Qorti tqis illi dawn il-proċeduri ma intużawx b'mod korrett, hija għandha l-poteri illi tindirizza dan in-nuqqas ukoll għaliex finalment l-użu ħazin tal-ħin tal-Qrati huwa wkoll vjolazzjoni minnu nnifsu li għandu jiġi indirizzat. Biss biss għandu jiġi rilevat li l-proċeduri tal-Konkors ta' Kredituri ilhom li ntemmu <u>'l fuq minn tmintax-il xahar</u> u dan ukoll jindika kemm verament hemm interess. F'dan l-istadju, l-esponenti tkun trid ukoll tirrispondi sussidjarjament għal uħud mill-osservazzjonijiet gratwiti illi saru fir-rikors bħal "l-bank intimat qatt ma ta rendikont sodisfaċenti tal-pretensjoni" meta l-bank, f'kull rikors fejn għamel il-pretensjonijiet tiegħu kellu bilfors iressaq tali rendikonti u jelenka l-pretensjonijiet tiegħu u osservazzjonijiet oħra.*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment tissottometti illi it-talbiet tar-Rikorrenti, kif dedotti fir-rikors promotur tagħhom għandhom jiġu miċħuda stante li ma hemm ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u dan la fir-rigward tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 1 tal-Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet, u lanqas tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jew addirittura xi ksur ieħor tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni."*

Rat ir-risposta maħlufa tal-**kuraturi deputati l-Avukat Dr Charmaine Cherrett u l-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi** li ġew maħtura biex jirrappreżentaw lis-soċjetà **Britannia Catering Company Ltd**, ippreżentata fit-28 ta' Novembru, 2018, fejn ġie sottomess:

*"Jesponu bir-rispett:*

1. *Illi l-esponenti għadhom ma humiex edotti mill-fatti;*
2. *Illi l-esponenti jirriservaw li jippreżentaw eċċezzjonijiet ulterjuri jekk kemm-il darba l-esponenti jirnexxilhom jiġu edotti mill-fatti.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri*

*Bl-ispejjeż."*

Rat ir-risposta tal-intimat **Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali** li ġiet ippreżentata fit-3 ta' Diċembru, 2018, u li tgħid kif ġej:

*"Jesponi bir-rispett:-*

1. *Illi in linea preliminari jiġi eċċepit illi l-esponenti assolutament m'huwiex il-leġittimu kontradittur għal-lanjanza tar-rikorrent u għalhekk għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent;*
2. *Illi f'dan il-każ ir-rikorrenti bl-ebda mod m'hu qed jattribwixxu l-allegat ksur tad-dritt fundamentali tiegħu* ai termini *tal-Artiklu 39 u 37 tal-Kostituzzjoni għal xi għemil jew nuqqas minn naħa tal-esponenti iżda minħabba għemil imwettaq minn terz u/jew tal-Qorti u għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;*
3. *Illi l-esponenti jagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***George Xuereb vs Registratur tal-Qrati et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Novembru, 2004 fejn intqal:*

   'Hu ben saput li l-Ġudikatura hija organu indipendenti mill-Eżekuttiv u ma taqa' taħt l-ebda dipartiment governattiv, u hu f'dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent huwa attribwibli għall-operat tal-Qorti, allura ir-Rġistratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Ġudikant, ma jistax hawn hekk ikun leġittimu kontradittur.'

4. *Illi l-esponent ma kellu ebda kontroll fuq il-proċeduri partikolari u lanqas ma kien involut fil-materja u għalhekk żgur li l-lanjanzi tar-rikorrent mhux tort tal-esponenti li lanqas biss kien parti fil-proċeduri.*

5. *Illi f'dan il-kuntest l-esponenti jagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru, 2005 fejn ġie ritenut:*

    'Kwantu għall-appellat Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-iċken dubbju li dan ma hux il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża. Ir-Reġistratur ma jirrappreżentax lill-Qrati li l-operat tagħhom ġie attakkat bir-rikors promotorju – anzi, bil-kontra, huwa jieħu l-ordnijiet mingħandhom skont il-liġi – u hu ma hux f'posizzjoni li jagħti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'tiċċensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati.

6. *Illi inoltre ssir riferenza għas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) datata 12 ta' Marzu tas-sena 2015 fl-ismijiet* ***Dr. Joseph Zammit Tabona et vs Direttur Generali Qrati et;***

7. *Salvi, jekk ikun il-każ, eċċezzjonijiet ossia risposti ulterjuri.*

*Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabli Qorti jogħġobha tiċħad in toto t-talbiet tar-rikorrenti bl-spejjeż kontra l-istess rikorrenti."*

Rat ir-risposta tas-soċjetà intimata **The General Soft Drinks Company Limited** (minn issa 'l quddiem "l-intimata GSD"), li ġiet ippreżentata fit-3 ta' Diċembru, 2018, u li tgħid kif ġej:

*"Tesponi bir-qima:*

*Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti Louis Scicluna [663257M] u Anton Spiteri [189457M] m'għandhom l-ebda* locus standi *f'dawn il-proċeduri għaliex ma kienux parti tal-konkors tal-kredituri de quo u għaldaqstant, is-soċjetà esponenti għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju fil-konfront tagħhom.*

*Illi fit-tieni lok, dina l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina illi teżerċita s-setgħat tagħha skont il-Kostituzzjoni u l-Kap. 319 u dana* ai termini *tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 ġaladarba r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju illi effettivament huma naqsu illi jeżerċitaw waqt il-konkors ta' kredituri* de quo. *Dana peress illi jirriżulta anke mill-istess sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti fl-atti tal-konkors ta' kredituri de quo rikors numru 851/2008 AF tal-4 ta' Mejju 2017 (p.10), illi r-rikorrenti bl-eċċezzjoni ta' Joseph u Marija Carmela miżżewġin Pace naqsu illi jdaħlu risposta fl-istess proċeduri u ħadd mir-rikorrenti qatt*

*ma ħa sehem fl-istess. Inoltre, ir-rikorrenti qatt ma ttentaw illi jevitaw il-kumulu ta' mgħax billi jinvokaw l-artiklu 422 tal-Kap. 12 jew issolleċitaw lill-Onorabbli Qorti sabiex tlesti l-eżerċizzju meħtieġ għall-gradwazzjoni tal-kredituri. Illi inoltre r-rikorrenti naqsu milli jappellaw mis-sentenza suriferita illi issa qed jilmentaw fil-konfront tagħha. Għaldaqstant, issa ma jistgħux jitolbu rimedju straordinarju meta naqsu illi jużaw ir-rimedji ordinarji li kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom.*

*Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju, is-soċjetà esponenti ma għamlet xejn ħlief teżerċita d-drittijiet leġittimi tagħha mogħtija bil-liġi sabiex tirkupra l-flus li kellha tiegħu mingħand Joseph u Marija Carmela miżżewġin Pace u ma kienet responsabbli għal ebda dewmien fil-kors tal-konkors ta' kredituri* de quo *kif ser jintwera fil-kors ta' dawn il-proċeduri. Illi kif ippremettew l-istess rikorrenti fil-ħdax-(11) il-paragrafu tar-rikors promotur tagħhom, "(il-)maġġiorparti tad-differimenti moħlija għar-raġunijiet proċedurali bħal notifiki tal-partijiet fil-proċeduri, ħatra kuraturi u leġitimazzjoni tal-att" li huma raġunijiet li bl-ebda mod ma huma mputtabli għas-soċjetà esponenti imma jistgħu anke jkunu mputabbli għall-istess rikorrenti. Għaldaqstant, is-soċjetà esponenti bl-ebda mod ma llediet id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Rat in-nota tas-soċjetajiet intimati **Vivienne Ltd, Joecar Limited** u **Josette Limited** ippreżentata fil-21 ta' Diċembru, 2018, li biha taw ruħhom b'notifikati bir-rikors promotur u bl-avviż tas-smigħ tal-kawża.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta' Ġunju, 2020, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza, li qiegħda tingħata llum.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Ir-rikors maħluf odjern jirrigwarda l-allegazzjoni magħmula mir-rikorrenti ta’ ksur tad-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif protett mill-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta [minn issa ’l quddiem “il-Kostituzzjoni”] u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [minn issa ’l quddiem “il-Konvenzjoni”], u anki tad-dritt għat-tgawdija tal-proprjetà sanċit permezz tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Jissottomettu li l-ewwel allegat ksur seħħ meta il-proċeduri tal-konkors tal-kredituri [minn issa ’l quddiem “il-proċeduri tal-konkors”] mnedija mill-intimat Bank of Valletta p.l.c. quddiem Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, damu ftit inqas minn għaxar snin sabiex waslu fi tmiemhom, u dan riżultat ta’ differimenti moħlija għal raġunijiet ta’ proċedura bħalma hija n-notifika tal-partijiet, ħatra ta’ kuraturi u leġitimazzjoni tal-atti. Ir-rikorrenti jsostnu li l-proċeduri bl-ebda mod ma kienu kumplessi u saħansitra rriżulta li l-pretensjoni tal-intimat Kummissarju tat-Taxxi kienet infondata. Jispjegaw li l-proċeduri tal-konkors segwew il-bejgħ bis-subbasta ta’ diversi proprjetajiet immobbiljarji tagħhom. Jgħidu li dawn inbiegħu għas-somma komplessiva ta’ Lm650,000, ekwivalenti għal €1,514,092.71, liema somma ġiet depożitata taħt l-Awtorità tal-Qorti permezz taċ-Ċedola ta’ Depożitu numru 1240/05, u li minnha eventwalment ġiet żbankata s-somma ta’ Lm320,000 stante li din ġiet attribwita għad-dejn tar-rikorrenti Vivienne u Louis Scicluna u Josette Spiteri, filwaqt li l-bqija tas-somma ġiet attribwita għad-djun ta’ Joseph Pace u r-rikorrenti Maria Carmela Pace, sussegwentement iffurmat il-mertu tat-talba mressqa mis-soċjetà intimata BOV għall-bidu tal-proċeduri tal-konkors.

It-tieni allegazzjoni ta' ksur magħmula mir-rikorrenti tirrigwarda d-dritt għat-tgawdija tal-proprjetà tagħhom li ġie mxekkel meta dik il-proprjetà nbiegħet bis-subbasta bi prezz inqas mill-valur tagħha.

L-intimati kollha għajr is-soċjetajiet Josette Ltd u Vivienne Ltd, ikkontestaw it-talbiet tar-rikorrenti. L-intimat l-Avukat Ġenerali flimkien mal-Kummissarju tat-Taxxi, jeċċepixxu li r-rikorrenti qatt ma pparteċipaw fil-proċeduri tal-konkors u għalhekk ma setgħux jilmentaw minn dewmien. Jgħidu wkoll li ma kienx hemm bżonn li jitħarrku l-intimati kollha, għaliex skont l-artikolu 181B tal-Kap. 12, kien biżżejjed li jiġi mħarrek l-Avukat Ġenerali waħdu. Dwar il-mertu, uħud mill-intimati jsostnu li d-dewmien allegatament irraġonevoli tal-proċeduri tal-konkors għandhom jirrispondu għalih ir-rikorrenti stess li b'għemilhom taw lok għalih. Jgħidu li wara kollox ma kien hemm l-ebda dewmien irraġonevoli meta wieħed iqis in-natura teknika tal-proċeduri u n-numru sostanzjali ta' kredituri involuti fil-proċeduri tal-konkors. L-eċċezzjonijiet f'aktar dettall imressqa minn kull wieħed mill-intimati, huma elenkati aktar 'l isfel f'din is-sentenza.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Waqt l-udjenza tat-3 ta' Ġunju, 2019[1], xehed bil-ġurament **Roderick Abela** in rappreżentanza tas-soċjetà intimata Bank of Valletta p.l.c., kif prodott mir-rikorrenti. Ikkonferma li kien sar self lil diversi kumpanniji li ġeneralment kien jirrappreżentahom Joseph Pace, u dan is-self kien garantit ukoll b'garanti oħrajn. Aktar tard Roderick Abela xehed permezz tal-*affidavit*[2] fejn spjega li huwa kien ilu

[1] *A fol.* 79.
[2] *A fol.* 106.

jokkupa l-kariga ta' Kap Eżekuttiv tad-Debt Management Department tas-soċjetà intimata BOV sa minn Diċembru 2016 u għalhekk kellu r-responsabbilità prinċipali bil-ġbir tad-djun mingħand id-debituri, b'dana li huwa kien ilu jaħdem fl-istess dipartiment sa minn Ottubru 2012. Għalhekk huwa kien jaf li mal-lista ta' debituri kien hemm il-"Brittania Group" jew il-"Magic Kiosk Group" immexxija min-negozjant Joseph Pace. Mid-dokumenti huwa seta' jikkostata li r-relazzjoni bankarja ma' dan il-grupp kienet tmur lura sas-snin tmenin meta s-soċjetà intimata BOV kienet avvanzat kreditu permezz ta' diversi *overdrafts* f'eluf kbar ta' liri lid-diversi kumpanniji li kienu wkoll iggarantixxu d-dejn ta' xulxin. Iżda meta d-dejn ma bediex jitħallas, is-soċjetà intimata BOV kienet kostretta madwar is-sena 1996 li tiftaħ diversi kawżi u hawnhekk id-debituri kienu wkoll ikkostitwew irwieħhom debituri permezz ta' diversi kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu. Iżda minkejja li s-soċjetà intimata BOV kienet rebbieħa fil-proċeduri, id-debituri baqgħu inadempjenti u hija kienet kostretta li tistitwixxi diversi subbasti għall-bejgħ bl-irkant taħt l-Awtorità tal-Qorti ta' numru ta' proprjetajiet immobbli li permezz tagħhom kien ġie garantit id-dejn u hawn semma liema kienu dawn is-subbasti. Eventwalment il-proprjetajiet ġew liberati favur Scala Developments Ltd u l-prezz ġie depożitat taħt l-awtorità tal-Qorti, b'dana li kien hemm diversi debituri, saħansitra anki r-rikorrenti stess li kienu qegħdin jattakkaw il-validità tas-subbasti, li oġġezzjonaw għall-iżbank. Peress li l-oppożizzjoni kienet ġejja mingħand dawk il-kredituri li kellhom pretensjonijiet kontra l-konjuġi Joseph u Carmen Pace biss, iżda mhux fir-rigward tar-rikavat ta' proprjetà ta' Vivienne Scicluna u Josette Spiteri, is-soċjetà intimata BOV talbet l-iżbank ta' Lm320,000 ta' Vivienne Scicluna u Josette Spiteri, li wkoll ġiet opposta mill-istess rikorrenti. Imbagħad fis-17 ta' Jannar, 2007, il-Qorti iddekretat l-iżbank ta' dik is-somma

favur is-soċjetà intimata BOV li ġiet attribwita għad-djun ta' Vivienne Scicluna u Josette Spiteri. Is-somma rimanenti Lm330,000 kienet is-suġġett ta' proċeduri ta' konkors ta' kredituri fejn hija kienet irċeviet is-sehem spettanti lilha f'April, 2018. Fil-fehma tiegħu kienu proprju r-rikorrenti li taw lok għad-dewmien fil-proċeduri permezz tal-oppożizzjoni kontinwa tagħhom permezz ta' diversi rikorsi, u anki għaliex kull att kellu jiġi notifikat lilhom bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni. Żied jgħid li minkejja li l-istess rikorrenti kienu wkoll ġew ikkundannati mill-Qorti sabiex jiżgombraw mill-proprjetà tas-soċjetà intimata BOV, huma baqgħu jokkupaw il-proprjetà u dan minkejja li huma kienu anki għadhom debituri lejha.

Ir-rikorrenti **Vivienne Scicluna** xehdet permezz tal-*affidavit*.[3] Ikkonfermat li hija toqgħod fl-appartament numru 6, Fawwara Buildings, Triq Ġużè Fava, Sliema, u li kienet bint Joseph Pace li kien miet fil-21 ta' Marzu, 2013, u ta' Maria Carmen sive Carmen Pace née Aquilina. Irrilevat li meta missierha kien għadu ħaj, hija flimkien ma' żewġha Louis Scicluna kienu jaħdmu miegħu fil-*kiosk* bl-isem "*Magic Kiosk*". Qalet li jidhrilha li l-*kiosk* kien immexxi minn kumpannija ta' missierha bl-isem Britannia Catering Co. Limited. Tgħid li biż-żmien indunaw li huma kienu qed jagħmlu tajjeb għad-dejn ta' missierha u tal-kumpanniji tiegħu jew dawk fejn kien deffishom. Saret taf li hija kienet azzjonista fil-kumpannija Joecar Limited u anki Vivienne Limited li kienet proprjetarja tal-fond fejn kienet tirrisjedi ma' żewġha. Spjegat li missierha kien jagħmel użu mill-prokuri li kienu tawh, iżda dejjem serħilhom rashom li kollox kien sew. Eventwalment is-soċjetà intimata Bank of Valletta p.l.c. kienet biegħet ir-residenza tagħha permezz ta' subbasta sabiex b'hekk jitħallas id-dejn tal-kumpannija u b'hekk kienu għaddejjin proċeduri għall-

[3] Dok. VS a *fol.* 82.

iżgumbrament tagħha u ta' żewġha. Għalkemm huma kienu inkarigaw lill-avukati tagħhom sabiex jiksbu mingħand is-soċjetà intimata BOV informazzjoni dwar id-dejn, din baqgħet ma tathomx sodisfazzjon. Qalet ukoll li l-proprjetà li nxtrat mis-soċjetà intimata BOV kienet tiswa aktar fis-suq u din ma setgħetx tikseb prezz aħjar minħabba l-ipoteki li kien hemm gravanti din il-proprjetà. Ix-xhud spjegat li huma kienu kostretti jintavolaw il-proċeduri odjerni għaliex id-dewmien fil-proċeduri ma kienx tort tagħhom, iżda xorta waħda baqgħu għaddejjin l-imgħaxijiet fuq l-ammont dovut.

**Joseph Attard** fil-kapaċità tiegħu ta' Manager fl-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi, Sezzjoni tal-VAT, xehed permezz tal-*affidavit*[4] fejn iddikjara liema kienu l-ammonti dovuta bħala VAT u CET mingħand is-soċjetà intimata Britannia Catering Co. Ltd. Spjega li fil-proċeduri għall-Konkors ta' Kredituri ta' Joseph Pace *et,* l-istess Joseph Pace u Maria Carmela Pace kienu damu żmien konsiderevoli sabiex jiġu notifikati u qatt ma pparteċipaw fil-proċess ġudizzjarju. Meta mbagħad miet Joseph Pace u s-soċjetà intimata BOV talbet sabiex l-atti jiġu trasfużi fl-isem ta' Vivienne Scicluna u Josette Spiteri, l-eredi preżunti, dawn intavolaw rikors fejn infurmaw lill-Qorti li huma kienu rrinunzjaw għall-eredità.

Waqt l-udjenza tas-16 ta' Diċembru, 2019[5], xehed minn jeddu l-intimat **Emanuel Sciriha** fil-kwalità tiegħu ta' Reġistratur tal-Qorti. Irrileva li ma kienx jidher mill-proċess tal-proċeduri tal-Konkors ta' Kredituri li kien hemm xi dewmien ħtija tar-Reġistratur.

[4] Dok. JA1 *a fol.* 323.
[5] *A fol.* 326

Waqt l-udjenza tal-10 ta' Jannar, 2020, xehdet in kontroeżami l-intimata **Vivienne Scicluna**, prodotta mis-soċjetà intimata GSD. Spjegat li meta kien għadu ħaj missierha kien jieħu ħsieb l-affarijiet hu u għalhekk hija ma kienet taf xejn dwar id-dejn dovut lis-soċjetà intimata GSD.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

Ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li ġew miksura fil-konfront tagħhom id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 u tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u b'hekk tagħti rimedju xieraq u opportun, inkluż il-likwidazzjoni ta' danni rappreżentanti l-leżjoni sofferta u wkoll fir-rigward tal-imgħaxijiet kollha li huma sofrew inutilment riżultat tad-dewmien fil-proċeduri ġudizzjarji għall-konkors ta' kredituri. Jissottomettu li tali proċeduri damu ftit inqas minn għaxar snin fejn il-parti l-kbira tad-differimenti ngħataw għal raġunijiet proċedurali bħal notifika tal-partijiet, ħatra ta' kuraturi u leġitimazzjoni tal-atti, u mhux għaliex il-proċeduri nnifishom kienu kumplessi, apparti li l-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi nstabet li kienet bla bażi. Dan id-dewmien fil-proċeduri wassal sabiex ġew attribwiti lilhom imgħaxijiet ta' diversi snin sabiex b'hekk ir-rikavat mill-bejgħ tal-proprjetajiet li kellu jissodisfa sostanzjalment id-dejn, mar kollu lejn l-imgħaxijiet dovuti. Jgħidu li huma bħala garanti tad-dejn kienu għadhom sal-lum responsabbli għall-ħlas tiegħu, filwaqt li r-rikorrenti Josette Spiteri u Vivienne Scicluna spiċċaw leżi mill-proprjetà tagħhom mingħajr kumpens. Min-naħa tagħha s-soċjetà intimata BOV qatt ma tat rendikont sodisfaċenti tal-pretensjonijiet tagħha fil-konfront tagħhom minkejja debitament interpellata.

L-intimati l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tat-Taxxi jilqgħu billi jissottomettu s-segwenti: (a) ir-rikorrenti għajr Maria Carmela Pace, ma jistgħux jilmentaw dwar l-allegat dewmien fil-proċeduri tal-konkors għaliex huma qatt ma ħadu sehem, kemm bil-miktub u lanqas bil-preżenza tagħhom; (b) l-intimati l-oħra għandhom jiġu meħlusin mill-ħarsien tal-ġudizzju stante li skont l-artikolu 181B tal-Kap. 12 kien biżżejjed li jiġi mħarrek l-intimat l-Avukat Ġenerali; (ċ) il-fatt waħdu li l-proċeduri damu disa' snin sabiex intemmu ma kienx neċċessarjament iwassal għal dewmien inġustifikat; (d) ma hemm l-ebda limitu ta' żmien li għandu jiġi osservat mill-Qorti fil-proċedura quddiemha; (e) għandu jiġi ppruvat li d-dewmien kien wieħed kapriċċjuż u maħsub biex jagħti żvantaġġ fit-tgawdija tad-drittijiet; (f) ir-rikorrenti ma ħadux sehem attiv fil-proċeduri inkwistjoni u għalhekk jekk batew xi effetti legali mid-deċiżjoni finali, dan kien tort tagħhom; (ġ) jekk id-dejn kiber minħabba li nġemgħu l-imgħaxijiet, dan kien għaliex ir-rikorrenti ma ħallsux id-dejn dovut; (g) ir-rikorrenti ma jistgħux jilmentaw mill-imgħaxijiet li nġemgħu fuq ammonti oħra stante li l-proċeduri tal-konkors ma kinux jolqtu d-dejn kollu, iżda parti minnu fl-ammont ta' €768,693.22 (Lm330,000.00); (ħ) ir-rikorrenti naqsu milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom taħt l-artikolu 422 tal-Kap. 12 sabiex ma jitħallewx li jinġemgħu l-imgħaxijiet; (h) għar-raġunijiet imfissra ma kienx sew li r-rikorrenti jinqdew bil-proċeduri odjerni sabiex jiksbu kumpens mill-Istat Malti; (i) għal dak li kien jirrigwarda l-allegat ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, il-paragrafi (f) u (j) tas-subartikolu (2) ta' dak l-artikolu kienu applikabbli u f'kwalunkwe każ l-Gvern ta' Malta ma kien ħa l-ebda proprjetà b'mod obbligatorju jew imġiegħel sabiex b'hekk lanqas l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ma kien applikabbli; (j) konsegwentement anki it-tielet u l-aħħar talba tar-rikorrenti ma setgħetx tintlaqa'.

L-intimat il-Perit Anthony Fenech Vella wieġeb preliminarjament li huwa bl-ebda mod ma kien tawwal il-proċeduri tal-konkors u ma setax jiġi kkastigat tali talab li jikkonkorri f'dawk il-proċeduri, meħud ukoll inkonsiderazzjoni li huwa kien kreditur tagħhom u kien aġixxa sabiex jitħallas minħabba l-inadempjenza tagħhom. Wara kollox huwa ma kien silet l-ebda beneffiċċju minn dawk il-proċeduri. Żied jgħid li r-rikorrenti kienu opponew għall-proċeduri ta' konkors u għalhekk dan kien wassal għal dewmien.

Is-soċjetà intimata BOV eċċepiet li: (a) din il-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita l-poteri kostituzzjonali tagħha għaliex ir-rikorrenti naqsu milli jagħmlu użu mir-rimedji ordinarji tagħhom u saħansitra kienu għamlu ħafna ostakoli għall-proċeduri tal-konkors u saħansitra wkoll għall-ipproċessar tac-ċedola ta' depożitu nru 1240/05 u dawk għall-iżbank; (b) il-proċeduri tal-konkors ġew intavolati għaliex ir-rikorrenti u Joseph Pace ma kinux ħallsu lid-diversi kredituri tagħhom; (ċ) għal dak li kien jirrigwarda l-allegat ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, skont il-ġurisprudenza kull kreditur għandu dritt jenforza d-drittijiet kirografarji u f'dan il-każ anke privileġġarji u ipotekarji; (d) Joseph Pace kien ġab lis-soċjetà intimata BOV f'pożizzjoni fejn kellha tottjeni titoli eżekuttivi oħra kontra l-istess familja Pace; (e) minflok li qabdu u biegħu l-proprjetajiet sabiex iħallsu d-dejn, ir-rikorrenti u Joseph Pace kienu qabdu t-triq li jostakolaw kull proċedura għall-kanonizzazzjoni u jew eżekuzzjoni ta' xi titolu li jintavolaw il-kredituri; (f) għandhom jiġu kkunsidrati d-debiti l-oħra tar-rikorrenti, tant hu hekk li l-proprjetajiet f'isem il-konjuġi Pace ma setgħux jissodisfaw l-pretensjonijiet tal-kredituri l-oħra; u (ġ) jekk il-Qorti ssib li l-proċeduri odjerni ma ntużawx b'mod korrett, hija għandha l-poteri li tindirizza dan in-nuqqas.

Il-Kuraturi Deputati wieġbu billi qalu li huma mhumiex edotti mill-fatti u għalhekk huma rriżervaw id-dritt li jippreżentaw eċċezzjonijiet hekk kif jiġu edotti mill-fatti.

Ir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali fir-risposta tiegħu eċċepixxa li huwa mhux il-leġittimu kontradittur u għamel riferiment għall-ġurisprudenza in sostenn tal-eċċezzjoni tiegħu.

Is-soċjetà intimata GSD wieġbet illi: (a) ir-rikorrenti Louis Scicluna u Anton Spiteri ma kellhom l-ebda *locus standi* fil-proċeduri odjerni; (b) ir-rikorrenti naqsu milli jagħmlu użu mir-rimedji ordinarji tagħhom u għalhekk ma setgħux jirrikorru għal rimedju straordinarju; (ċ) hija ma kienet responsabbli għal ebda dewmien fil-proċeduri tal-konkors.

Is-soċjetajiet intimati Josette Ltd u Vivienne Ltd għażlu li ma jikkontestawx it-talbiet rikorrenti.

**<u>Eżawriment ta' rimedji ordinarji</u>**

Is-soċjetà intimata BOV eċċepiet li r-rikorrenti naqsu milli jeżawrixxu r-rimedji ordinarji tagħhom, u għalhekk din il-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita l-poteri kostituzzjonali tagħha. L-istess issottomettiet is-soċjetà intimata GSD, fejn irrilevat li fil-proċeduri tal-konkors ir-rikorrenti bl-eċċezzjoni ta' Joseph u Maria Carmela konjuġi Pace, kienu naqsu milli jippreżentaw risposta u ħadd mir-rikorrenti ma ħa sehem fl-imsemmija proċeduri. Tgħid ukoll li r-rikorrenti naqsu milli jinvokaw l-artikolu 422 tal-Kap. 12 sabiex jevitaw l-imgħax jew li jissolleċitaw lill-Qorti sabiex tagħlaq il-proċeduri.

Il-Qorti tikkunsidra li l-ilment tar-rikorrenti huwa wieħed ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom u skont is-subartikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u s-subartikolu 4(2) tal-Kap. 319 dan għandu jiġi ttrattat u deċiż minn din il-Qorti. Għalhekk ma tistax tilqa' l-eċċezzjoni tal-intimati. Il-Qorti tifhem li l-imsemmja intimati hawnhekk qegħdin jissuġġerixxu li r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju għad-dispożizzjoni tagħhom waqt l-istess proċeduri tal-konkors u jinsistu li minkejja dan, huma kienu naqsu mhux biss milli jipparteċipaw fil-proċeduri tal-konkors, iżda saħansitra huma kienu ppreżentaw diversi ostakoli. Il-Qorti tqis li d-dritt ta' parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-proċeduri tal-konkors ma tistax fiha innifisha tiġi kkunsidrata bħala rimedju ordinarju a dispożizzjoni tagħhom, iżda ċertament huwa wieħed mill-fatturi ta' rilevanza fil-kuntest tal-eżami li din il-Qorti għandha twettaq sabiex tistabbilixxi jekk seħħx ksur tad-dritt fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.

**<u>Legittimu kontradittur</u>**

L-intimati l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tat-Taxxi jissottomettu li skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 181B tal-Kap. 12, kien biżżejjed li r-rikorrenti jħarrku lill-intimat l-Avukat Ġenerali biss u ma kienx hemm bżonn li jiġu mħarrka l-intimati kollha tal-proċeduri tal-konkors. Għalhekk jgħidu li l-imħarrkin l-oħra fil-proċeduri odjerni għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju. L-intimat Reġistratur wkoll jissottometti li huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur, u dan filwaqt li jiċċita dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi tagħha fl-ismijiet

**George Xuereb *vs.* Reġistratur tal-Qrati**[6] u **Mark Lombardo et *vs.* Kunsill Lokali Fgura**[7] rispettivament, u anki għamel riferiment għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Dr Joseph Zammit Tabona et *vs.* Direttur Ġenerali Qrati et**.[8] Fil-kuntest ta' dak li rritenew il-qrati f'dawn is-sentenzi li l-intimat Reġistratur huwa biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qrati u għalhekk ma jistax jagħti rimedju effettiv fl-eventwalità li jinsab ksur, jissottometti li l-lanjanzi tar-rikorrenti mhumiex tort tiegħu, fejn saħansitra lanqas kien parti f'dawk il-proċeduri. Jispjega li r-rikorrenti bl-ebda mod mhuma qed jattribwixxu l-allegat ksur għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu, iżda l-ilment tar-rikorrenti huwa dirett lejn terz u/jew il-Qorti.

Is-subartikolu 181B(2) tal-Kap. 12 jgħid hekk:

> *"L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern"*

Il-Qorti tikkondividi l-ħsibijiet tal-intimati Avukat Ġenerali u Kummissarju tat-Taxxi, b'dana li wara l-emendi li ġew fis-seħħ permezz tal-Att XXV tal-2019, huwa s-suċċessur tal-intimat l-Avukat Ġenerali, jiġifieri l-Avukat tal-Istat, li huwa l-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri. M'hemmx dubju li kif jixhdu t-talbiet tagħhom kif espressi fir-rikors promotur, l-ilment tar-rikorrenti huwa dwar ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom, senjatament kif sanċiti mill-artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, li għalih

[6] Deċiża 08.11.04.
[7] Deċiża 07.10.05.
[8] Deċiża 12.03.15.

għandu jirrispondi l-Istat u mhux l-individwu privat minħabba l-obbligu tal-Istat li jiggarantixxi u li jħares dawk id-drittijiett fundamentali.

Għaldaqstant din il-Qorti tqis li l-intimati kollha għajr l-Avukat Ġenerali għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju u għal din ir-raġuni l-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-risposti tagħhom u ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-intimat l-Avukat Ġenerali.

**Locus standi *tar-rikorrenti***

Fit-tweġiba tiegħu l-Avukat Ġenerali jissottometti li r-rikorrenti kollha għajr Maria Carmela Pace, ma jistgħux iressqu l-ilment tal-allegat dewmien fil-proċeduri tal-konkors, għaliex huma ma kinux parti minn dawk il-proċeduri.

Mill-atti tal-proċeduri tal-konkors, senjatament ir-rikors promotur ippreżentat mill-Bank intimat, jirriżulta li dawk il-proċeduri kienu jirrigwardaw is-somma ta' Lm330,000.00, bilanċ ta' somma akbar li kienet ġiet depożitata taħt l-Awtorità tal-Qorti Ċivili permezz ta' Ċedola ta' Depożitu 1240/05 wara l-bejgħ bis-subbasta ta' diversi proprjetajiet appartenenti lir-rikorrenti, liema somma ta' Lm330,000.00 kienet ġiet attribwita għad-djun ta' Joseph Pace u ta' martu hawn rikorrenti Maria Carmela Pace. Jirriżulta li fil-mori ta' dawk il-proċeduri fil-21 ta' Marzu, 2013, miet Joseph Pace, u wara li r-rikorrenti Vivienne Scicluna u Josette Spiteri ppreżentaw kopja tan-nota ppreżentata fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja), fejn huma flimkien ma' ommhom Maria Carmen Pace irrinunzjaw formalment għall-wirt tiegħu, b'dana li <u>żammew</u> *"...ferm id-dritt tagħhom għall-porzjoni riservata skont il-liġi u salv ukoll li, jekk ikun il-każ,*

*jirrievdu l-pożizzjoni tagħhom meta jitlesta l-inventarju tal-attiv u l-passiv tad-decujus"*, il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-4 ta' Diċembru, 2013, laqgħet ir-rikors tas-soċjetà intimata fejn talab għan-nomina ta' Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredità ġjaċenti tal-intimat Joseph Pace.

Illi kif sewwa osservat dik il-Qorti, *"id-debituri Joseph u Maria Carmela konjuġi Pace ppreżentaw risposta għar-rikors promotur. Madanakollu, id-debituri u/jew l-abbli difensur legali tagħhom qatt ma dehru quddiem din il-Qorti u ma ressqu l-ebda prova sabiex jissotanzjaw il-kontenut tar-risposta tagħhom".* Iżda dan ma jfissirx li huma ma kellhom l-ebda interess fl-eżitu ta' dawk il-proċeduri, għaliex din il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax li s-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fejn din iddikjarat min kienu l-kredituri tal-konjuġi Pace u ddeċidiet fuq il-gradwazzjoni tagħhom għall-fini tal-ħlas tad-dejn dovut lilhom, ma kinitx ta' interess għalihom u li ma kinux ser jintlaqtu mill-effetti tagħha. Il-Qorti tqis li l-proċeduri tal-konkors kienu ta' interess għar-rikorrenti kollha minkejja li l-istess rikorrenti għajr Maria Carmela Pace, kif sewwa josserva l-intimat l-Avukat Ġenerali, naqsu milli jipparteċipaw kemm bil-preżenza tagħhom jew tal-avukati difensuri tagħhom, kif ukoll permezz ta' sottomissjonijiet. Saħansitra tosserva li fl-imsemmija proċeduri ġie stabbilit li l-intimat il-Kummissarju tat-Taxxi ma jgawdi minn ebda privileġġ speċjali kif pretiż minnu fuq l-assi tar-rikorrenti Maria Carmela Pace u ta' żewġha Joseph Pace. Għal dak li jirrigwarda l-interess ta' żwieg ir-rikorrenti Vivienne Scicluna u Josette Spiteri, li huma wkoll rikorrenti fil-proċeduri odjerni, jingħad li dawn għandhom kull interess jipparteċipaw f'dawn il-proċeduri in vista tal-interess li għandhom il-konjuġi tagħhom u dak li jiddisponi l-artikolu 1328 tal-Kap. 16, b'dana li fin-nuqqas ta' prova kontrarja qed jiġi preżunt li teżisti l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-miżżewwġin. Għal dawn ir-

raġunijiet il-Qorti ma tistax taċċetta l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat l-Avukat Ġenerali.

**It-tul tal-proċeduri tal-konkors**

L-ewwel ilment tar-rikorrenti huwa li l-allegat dewmien irraġonevoli tal-proċeduri tal-konkors huwa leżiv tad-drittijiet tagħhom kif protetti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni. L-intimat l-Avukat Ġenerali jissottometti li l-fatt waħdu li l-proċeduri tal-konkors damu disa' snin sabiex jingħalqu, ma jfissirx li għandu jinstab li kien hemm dewmien inġustifikat, u dan għaliex il-proċedura ġudizzjarja inkwistjoni għandha tiġi eżaminata fis-sħiħ tagħha. Ikompli jgħid li m'hemm l-ebda limitu ta' żmien li l-Qorti għandha tosserva fl-għeluq tal-proċeduri, altrimenti jistgħu jiġu ppreġudikati l-interessi tal-ġustizzja. Jissottometti li għandu jiġi muri li d-dewmien kien wieħed kapriċċjuż u magħmul b'mod biex jiġu żvantaġġjati ir-rikorrenti fit-tgawdija tad-drittijiet tagħhom skont il-liġi. Fil-każ odjern dan ma kienx jirriżulta għaliex il-proċeduri kienu ta' natura teknika fejn kien hemm ħafna partijiet involuti. L-intimat l-Avukat Ġenerali jgħid ukoll li min-naħa tagħhom ir-rikorrenti ma ħadu l-ebda sehem attiv fil-proċeduri jew ħadu azzjoni sabiex l-proċeduri jitħaffew. Ir-rikorrenti saħansitra qatt ma dehru fl-imsemmija proċeduri tant li anki l-Qorti Ċivili, Prim'Awla għamlet din l-osservazzjoni fis-sentenza tagħha. Dan kien xhieda tan-nuqqas ta' interess tagħhom u jekk batew xi effett legali, il-ħtija kienet proprju tagħhom. Dwar il-mertu ta' dawk il-proċeduri, l-intimat l-Avukat Ġenerali jissottometti li kien ħtija tal-fatt li r-rikorrenti ma ħallsux id-dejn li l-imgħaxijiet baqgħu telgħin, u dan filwaqt li huma

ma setgħux jilmentaw dwar imgħaxijiet fuq dejn ieħor. Barra minn hekk ir-rikorrenti kienu naqsu milli jieħdu passi a tenur tal-artikolu 422 tal-Kap. 12 sabiex ma jinġemgħux l-imgħaxijiet. B'hekk ir-rikorrenti ma kellhomx jitħallew jinqdew minn proċeduri kostituzzjonali bit-tama li jiksbu kumpens mill-Istat sabiex iħallsu parti mid-dejn tagħhom.

Il-Qorti tikkondividi l-ħsieb tal-intimat l-Avukat Ġenerali li wieħed għandu jieħu inkonsiderazzjoni l-fatturi kollha li ddeterminaw il-proċeduri tal-konkors sabiex jiġi stabbilit jekk l-ilment tar-rikorrenti dwar it-tul irraġonevoli tagħhom huwiex wieħed ġustifikat. Kif dejjem ġie ritenut mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem[9], hemm tliet fatturi prinċipali li għandhom jiġu eżaminati fid-dawl tal-ilment tar-rikorrent: (a) il-kumplessità tal-proċeduri; (b) l-aġir tar-rikorrent innifsu; (ċ) l-azzjoni li jkunu ħadu l-awtoritajiet kompetenti. Dan l-insenjament huwa segwit mill-Qrati tagħna u fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Raymond Farrugia et *vs.* l-Avukat Ġenerali et**[10], il-Qorti Kostituzzjonali filwaqt li għamlet l-eżami tal-ilment tar-rikorrenti fid-dawl ta' dan l-insenjament, għamlet is-segwenti osservazzjonijiet rilevanti għall-każ odjern:

> *"22. Dan jittratta s-sejba tal-ewwel Qorti ta' nuqqas ta' smigħ xieraq minħabba dewmien ta' almenu seba' snin sabiex tingħata s-sentenza fil-proċeduri 2219/00.*
>
> *23. In tema legali ssir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Anton Camilleri v. Avukat Ġenerali**, 1 ta' Frar 2016, fejn ingħad in materja illi:*
>
> > "... dwar jekk jeżistiex tassew ksur tal-jedd tar-rikorrenti għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, tenut kont, fost affarijiet oħra, ta' tliet binarji ormai ben assodati fil-ġurisprudenza Rik. Kost. 5/14 16 patria u dik Ewropea, ossia il-komplessità tal-każ, l-aġir taż-żewġ partijiet u '*what was at stake*

[9] Ara Kemmache Case, 03.07.91; Buchholz Case, 06.05.81; B v. Austria, 28.03.90; Manzoni Case, 19.02.91.
[10] 27.05.16.

*for the applicant in a given case.'* (fn. 3 ECHR, Gordeyev vs Russia (Application no. 40618/04) 5/02/2015).

“21. Jinsab ukoll assodat il-fatt li ma teżisti ebda lista komprensiva li tista’ twassal lill-Qorti sabiex tiddikjara leżjoni tad-dritt ta’ smigħ xieraq abbażi ta’ dewmien fil-proċeduri. Għalhekk, għalkemm il-Qorti għandha tikkunsidra l-fatturi fuq indikati għandu jitqies kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ in kwistjoni

*“22. Jinsab ritenut illi:*

“As regards the criteria for assessing whether the General Court has observed the reasonable time principle, it must be borne in mind that the reasonableness of the period for delivering judgment is to be appraised in the light of the circumstances specific to each case, such as the complexity of the case and the conduct of the parties (see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission, paragraph 181 and the case-law cited).

“…. The Court has held in that regard that the list of relevant criteria is not exhaustive and that the assessment of the reasonableness of a period does not require a systematic examination of the circumstances of the case in the light of each of them, where the duration of the proceedings appears justified in the light of one of them. Thus, the complexity of the case or the dilatory conduct of the applicant may be deemed to justify a duration which is prima facie too long (see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission, paragraph 182 and the case-law cited).”(fn. 4 Grand Chamber, Kendrion NV vs European Commission, 26/11/2013, C-50/12P para 96-97)

“23.Dwar it-tifsira tal-kunċett ta’ 'żmien raġonevoli', l-Qrati tagħna wkoll esprimew ruħhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu għandu element qawwi ta’ diskrezzjonalità li jħalli f’idejn il-ġudikant jiddetermina jekk fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, iż-żmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun ġiet ġudikata, kienx ta’ tul tali li jeċċedi dak li hu jew għandu jkun normalment aċċettabbli f’socjetà demokratika. (fn. 5 Q.Kos. Emanuela Brincat vs L-avukat Generali, 21/2/1996 [Vol.80]) Dan jfisser illi kull każ għandu jiġi eżaminat fid-dawl taċ-ċirkostanzi speċjali tiegħu.' (fn. 6 Q. Kos. Zakkarija Calleja vs L-Avukat Generali, 15/12/2015)”.

*24. Issir ukoll referenza ghas-sentenza ta’ din il-Qorti datata 22 ta’ Frar 2013, fl-ismijiet* ***Emanuel Portelli et v. Avukat Generali et****, fejn dwar dewmien ta’ seba’ snin sabiex tingħata s-sentenza ingħad:*

"[28] Tosserva wkoll li ma jirriżultax li kien hemm raġuni valida li setgħet tiġġustifika b'xi mod dan id-dewmien ta' seba' snin għall-għoti tas-sentenza, liema dewmien ma jistax jitqies bħala wieħed raġonevoli, anke kkunsidrat il-komplessità tal-punt legali involut, u għalhekk dan jikkostitwixxi leżjoni tad-dritt kontemplat fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni fil-konfront tar-rikorrenti li, għalkemm ma jidhirx mill-atti li ppreżentaw rikors f'dan ir-rigward, iżda żgur li l-inċertezza li sofrew għal dan it-tul taż-żmien sabiex tiġi determinata l-vertenza kienet raġuni ta' anzjetà u frustrazzjoni [sottolinear ta' din il-Qorti] da parti tagħhom, u ta' dan, għandhom jiġu kkumpensati. (fn. 7 F'dan il-każ il-Qorti akkordat kumpens ta'€700)"

*25. Issir referenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti Ewropea Richard Anderson v. United Kingdom deċiża fid-9 ta' Frar 2010 (fn. 8 Applic. no. 19859/04):*

> "As the Court has frequently stated, the State remains responsible for the efficiency of its system; the manner in which it provides for mechanisms to comply with the reasonable time requirement – whether by automatic time-limits and directions or some other method – is for it to decide. If a State allows proceedings to continue beyond the "reasonable time" prescribed by Article 6 of the Convention without doing anything to advance them, it will be responsible for the resultant delay (Bhandari v. the United Kingdom, no. 42341/04, § 22, 2 October 2007, together with further references therein)….
>
> "39. …….. it accepts the unreasonable delay in the Court of Session proceedings must have caused the applicant some distress and frustration. As a result he has certainly suffered non-pecuniary damage which is not sufficiently made good by the finding of a violation of the Convention. Ruling on an equitable basis, it awards him EUR 1,500."

B'hekk il-Qorti Kostituzzjonali kienet hemmhekk għaddiet sabiex iddikjarat li l-ewwel Qorti kienet korretta meta sabet li kien hemm ksur tad-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli peress li kien irriżulta nuqqas ta' attività meta l-proċeduri kienu damu differiti seba' snin sħaħ għas-sentenza.

Fil-każ odjern il-Qorti tiddikjara li hawnhekk ukoll tirriżulta leżjoni ta' dan id-dritt kif sanċit permezz tas-subartikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u tas-subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. Tosserva li kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mill-intimat l-

Avukat Ġenerali, il-konkors ta' kredituri kif jipprovdu għalih id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 416 *et seq.* tal-Kap. 16 mhux minnu nnifsu proċedura daqstant kumplikata. Hekk ukoll irriżulta fil-każ odjern fejn saħansitra l-kredituri kienu biss erbgħa u l-provi tagħhom għalkemm voluminużi fejn jirrigwarda s-soċjetà intimata BOV, inkluż il-kontroeżamijiet li saru, ma kieux ta' natura kumplikata li talbet il-ħin twil tal-Qorti. Lanqas ma jista' jingħad li kien hemm xi problema straordinarja bin-notifiki li kienet kawża ta' dewmien. Dan joħroġ ferm ċar mis-segwenti sinteżi li għamlet il-Qorti tal-andament tal-proċeduri tal-konkors:

- 22.08.08: preżentata tar-rikors promotur mis-soċjetà intimata BOV;
- 15.12.08: seduta - l-ewwel dehra; kawża differita għan-notifika;
- 23.01.09: notifika fil-Gazzetta tal-Gvern *a fol.* 116 *et seq.*;
- 29.01.09: notifika fil-gazzetti lokali *a fol.* 121 u 127;
- 05.03.09: notifikati debituri bl-ewwel dehra konkors kredituri 51A u 51B;
- 24.03.09: risposta ġuramentata tad-debituri Joseph u Maria Carmela Pace;
- 25.03.09: seduta - differita għan-notifiki stante li dawn ma sarux regolarment;
- 19.05.09: seduta - differita sabiex issir il-pubblikazzjoni;
- 29.09.09: seduta - differita sabiex issir il-pubblikazzjoni li ma saritx *ai termini* tas-subartikolu 416(2) tal-Kap. 12 minkejja ordnata u saret ordni sabiex ir-Reġistratur jieħu passi immedjati;
- 30.11.09: saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern mir-Reġistratur *a fol.* 152 u wkoll fil-gazzetti *a fol.* 155;
- 11.01.10: seduta differita provi BOV;
- 03.05.10: BOV ippreżenta *affidavit*;
- 04.05.10: seduta - differita kontinwazzjoni provi BOV;
- 08.11.10: seduta - differita minhabba li jonqsu diversi notifiki;
- 14.02.11: seduta - differita għall-provi;
- 19.04.11: seduta - BOV ippreżenta nota b'dokument u inghata terminu għall-preżentata ta' *affidavits* mill-Kummissarju tat-Taxxi u mis-soċjetà The General Soft Drinks Company Limited, filwaqt li ġiet differita għall-kontinwazzjoni;
- 27.06.11: il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u d-Direttur tad-Dwana tat-Taxxa u tas-Sisa ppreżentaw *affidavit*;

- 18.10.11: seduta - provi dikjarati magħluqa għajr kontro-eżamijiet, u kull prova dokumentarja għandha tiġi esebita sad-9 ta' Diċembru, 2011; differita għall-kontro-eżamijiet kollha;
- 17.01.12: seduta - xehdet Mary Anne Schembri mid-Dipartiment tal-VAT; differita kontinwazzjoni tal-provi;
- 07.05.12: seduta - xehed Aldo Saliba mill-GSD u Mary Anne Schembri għal VAT, filwaqt li GSD ippreżentat nota b'dokumenti; differita għall-kontinwazzjoni;
- 04.10.12: seduta - xehdet Mary Anne Schembri, differita għall-provi;
- 11.01.13: seduta - l-avukat difensur ta' GSD jirrileva li għad jonqos notifiki tal-konjugi Pace; differita għan-notifika inkluż wara l-ħinijiet legali u fin-negattiv bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni;
- 18.03.13: seduta - awtorizzazzjoni għan-notifika bil-proċedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni; differita għan-notifika;
- 10.06.13: seduta - jeħtieġ trasfużjoni tal-atti; differita;
- 05.11.13: seduta - jeħtieġ leġitimazzjoni tal-atti, differita għal dan l-iskop;
- 06.01.14: saret notifika tal-kuraturi;
- 11.02.14: seduta - differita għall-istess skop;
- 17.06.14: seduta - mhux notifikati l-kuraturi mahtura; differita għan-notifika;
- 28.10.14: seduta - kuraturi mhux notifikati; differita għal dan l-iskop;
- 14.01.15: notifika kuraturi;
- 28.01.15: seduta - jonqsu xi notifiki; differita;
- 12.02.15: tħallset notifika tar-rikorrenti Maria Carmela Pace, iżda l-indirizz mhux komplut u għalhekk riferta hija negattiva u saret notifika permezz tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fit-28.04.15, u f'gazzetta fis-27.05.15;
- 30.04.15: seduta - jonqsu xi notifiki; differita;
- 23.06.15: seduta - differita provi kollha;
- 03.11.15: seduta - differita sabiex il-parti jirregolaw ruħhom dwar il-provi li fadlilhom;
- 19.01.16: seduta - differita għall-preżentati ta' noti ta' sottomissjonijiet;
- 17.03.16: seduta - intalbet estensjoni tat-terminu nota;
- 08.06.16: seduta - differita għall-preżentata ta' noti responsivi;
- 11.10.16: seduta - l-aħħar nota responsiva kellha tiġi ppreżentata dakinhar stess u differita;
- 24.11.16: tinnota li noti kollha ġew ippreżentati;
- 07.03.17: seduta - differita sentenza;
- 04.05.17: deċiża.

Min-naħa l-oħra l-Qorti tosserva li saru diversi seduti fejn ma sar xejn u l-partijiet donnhom tħallew imexxu huma stess il-proċeduri tal-konkors, minflok li dawn ġew regolati mill-Qorti stess u għalhekk intilfet l-opportunità li l-proċeduri jersqu lejn it-tmiem tagħhom fl-inqas żmien possibbli. Min-naħa tagħhom il-partijiet ma tantx ħabirku sabiex jingħalqu l-proċeduri, u b'hekk jiżbankaw is-sehem tagħhom jekk jirriżulta mill-flus depożitati taħt l-Awtorità tal-Qorti u jitnaqqas kull dannu possibbli lid-debituri. Il-Qorti hawnhekk ma tistax ma tosservax li s-soċjetà intimata BOV, li tant għamlet enfażi fuq l-allegati ostakoli li ppreżentaw ir-rikorrenti f'dawk il-proċeduri, ostakoli li però ma rriżultawx lil din il-Qorti, tnikkret ferm fil-preżentata tal-provi u tas-sottomissjonijiet tagħha.

L-intimat l-Avukat Ġenerali jissottometti li min-naħa tagħhom ir-rikorrenti ma ħadux l-opportunità li joffri l-artikolu 422 tal-Kap. 12 sabiex ma jħallux l-imgħaxijiet jinġemgħu, iżda l-Qorti tqis li din is-sottomissjoni mhix waħda fondata. Dan jingħad għaliex ma jirriżultax li kien hemm xi pretensjoni ta' xi kreditur li ma kinitx qiegħda tiġi kkontestata b'mod li l-Qorti setgħet tirrilaxxja l-ammont dovut lilu. Saħansitra il-Kummissarju tat-Taxxi fin-nota responsiva tiegħu ddikjara li d-dejn dovut lid-Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa u dak dovut lid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) kien wieħed privileġġjat u kellu jitħallas qabel kull kreditu ieħor. Dan filwaqt li s-soċjetà intimata BOV kif jirriżulta mir-rikors tal-ftuħ tal-proċeduri tal-konkors, talbet li l-kreditu tagħha jiġi pregradwat u li hija tiġi awtorizzata tiżbanka s-somma sħiħa.

L-intimat l-Avukat Ġenerali jgħid ukoll li ma jirriżultax li r-rikorrenti ħadu sehem attiv fil-proċeduri tal-konkors jew li għamlu l-almu tagħhom sabiex iħaffu dawk il-proċeduri. Hawnhekk il-Qorti tgħid li l-intimat l-Avukat Ġenerali għandu raġun,

iżda biss fil-konfront tar-rikorrenti Maria Carmela Pace, stante li kif diġà kellha l-opportunità li tosserva l-Qorti, ir-rikorrenti l-oħra ma kinux parti f'dawk il-proċeduri. Huwa minnu li l-preżenza tar-rikorrenti jew tal-avukat difensur tagħhom, flimkien ma' parteċipazzjoni attiva, setgħet ikkontribwiet lejn l-għeluq bikri ta' dawk il-proċeduri. Iżda r-rikorrenti ma jistgħux jitgħabbew bir-responsabbilità tad-dewmien minħabba l-passività tagħhom, meta jirriżulta li saħansitra l-Qorti stess kienet baqgħet passiva għall-aħħar u l-kredituri abbużaw minn dik il-passività u għal dan għandu jirrispondi l-Istat. L-intimat l-Avukat Ġenerali jissottometti wkoll li l-imgħaxijiet komplew jikbru għaliex ir-rikorrenti naqsu milli jħallsu d-dejn, iżda din il-Qorti tqis li dan l-argument ma jistax jirnexxi fil-każ odjern meta l-ammont li kellu jissodisfa l-kreditu jew parti minnu kien miżmum taħt l-Awtorità tal-Qorti Ċivili. Il-Qorti tosserva wkoll li sakemm ġew deċiżi b'mod finali dawk il-proċeduri u b'hekk kien hemm ċertezza dwar liema krediti kienu ser jiġu sodisfatti, l-imgħaxijiet baqgħu jiddekorru fuq kull kreditu, anki dak li ma kienx ser jiġi sodisfatt. Għalhekk ir-rikorrenti għandhom raġun jilmentaw mill-fatt li huma sfaw vittmi ta' imgħaxijiet fuq krediti mhux sodisfatti mis-somma msemmija depożitata taħt l-Awtorità tal-Qorti Ċivili.

Din il-Qorti, kif diversament preseduta, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Mario Schembri *vs.* Avukat Ġenerali et**[11], kellha l-opportunità li tfisser sew id-doveri tal-Istat fil-konfront ta' kull ċittadin, anki fejn dak iċ-ċittadin ma jkunx proprju parti minn proċeduri ġudizzjarji:

> *"Illi d-dritt fundamentali tal-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa b'mod xieraq u fi żmien raġonevoli timponi fuq l-Istat li jħares id-Dritt li jassigura l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ ta' sistema effiċjenti ta' amministrazzjoni ta' ġustizzja. Dan jitnissel billi l-Istat*

[11] 62/13JRM, deċiża 24.11.16.

*jipprovdi strutturi, riżorsi u għodod li bihom il-Qrati jkunu jistgħu jwettqu xogħolhom kif imiss. B'żieda ma dan, ingħad ukoll li l-investigazzjoni ta' dewmien fis-smigħ ta' kawża m'għandhiex issir sempliċistikament fit-termini dojoq tal-kawża partikolari, imma f'termini ferm usa' li jħaddnu ċ-ċirkostanzi kollha li fihom dik il-Qorti tkun qegħda taħdem fiż-żmien relattiv (fn. 24 Kost. 23.1.1995 fil-kawża fl-ismijiet Manduca vs Prim Ministru (Kollez. Vol: LXXIX.i.1 f'paġ. 23)*

*"Illi b'danakollu, jekk minħabba l-inadekwatezza tal-istrutturi li tfasslu biex titħaddem il-makna tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja jbati bla ħtija ċ-ċittadin, l-Istat irid jagħmel tajjeb għal tali tbatija (fn. 25 P.A. Kost. 29.10.1992 fil-kawża fl-ismijiet Stephen Attard noe vs Il-Prim Imħallef Dr. Carmelo Schembri et (mhix pubblikata). Għaliex kif qalet il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'għadd ta' kawżi, meta kienet qegħda tgħarbel l-implikazzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni,* "... (that article) imposes on the Contracting States the duty to organise their judicial systems in such a way that the Courts can meet the requirments of this provision [Salesi vs Italy (26/2/1993)]. It wishes to reaffirm the importance of administering justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility [Katte Klitsche de la Grange vs Italy (27/10/1994)]" (fn. 26 Ara QEDB 28.7.1999 fil-kawża fl-ismijiet A.P. vs Italja (Applik. Nru. 35265/97) § 18). *Aktar riċentement, dik il-Qorti kienet f'qagħda li żżid tgħallem li* "whether or not the subject matter of the cases called for particular urgency in deciding them, ... it is for the Contracting States to organise their legal systems in such a way that their courts can guarantee the rights to everyone to obtain a final decision on disputes relating to civil rights and obligations within a reasonable time [Horvat vs Croatia (26/7/2001)]" (fn. 27 Ara QEDB 19.12.2002 fil-kawża fl-ismijiet Culjak vs Kroazja (Applik. Nru. 58115/00) § 63);".

## <u>Tgawdija tal-proprjetà</u>

Ir-rikorrenti qegħdin jinsistu li huma wkoll soffrew minn leżjoni tad-dritt ta' tgawdija tal-propjetà. L-intimat l-Avukat Ġenerali jissottometti li t-talba tar-rikorrenti kif msejsa fuq l-allegata leżjoni hija improponibbli in vista ta' dak li jipprovdu l-paragrafi (f) u (j) tas-subartikolu 37(2) tal-Kostituzzjoni.

Din il-Qorti tikkunsidra li r-rikorrenti ma ressqu l-ebda prova in sostenn tal-allegata leżjoni li l-Qorti qiegħda tifhem allegatament seħħet meta l-proprjetajiet tagħhom ġew mibjugħa bil-proċedura tas-subbasta għal prezz ferm inqas mill-valur tagħhom. Għaldaqstant tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba tagħhom.

**Kumpens**

Ir-rikorrenti qegħdin jitolbu li jingħataw rimedju xieraq fejn għandhom jiġu likwidati d-danni rappreżentanti l-leżjoni li huma sofrew u anki l-imgħaxijiet li huma dovuti jħallsu inutilment riżultat tad-dewmien fil-proċeduri tal-konkors. L-intimat l-Avukat Ġenerali jopponi għal din it-talba fid-dawl tal-fatt li l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrenti ma setgħux jintlaqgħu.

Il-Qorti tosserva li r-rikorrenti ma ressqu l-ebda provi fir-rigward tal-imgħaxijiet fuq il-flus dovuta minnhom u li huma sofrew matul iż-żmien li ħadu l-proċeduri tal-konkors. Għalhekk mill-ewwel tgħid li hija ser tastjeni milli tikkunsidra jekk hijiex ġustifikata kemm legalment, kif ukoll fil-mertu, it-talba tagħhom sabiex tillikwida dawk l-imgħaxijiet li huma dovuti jħallsu għall-perijodu tad-dewmien irraġonevoli. Madankollu il-Qorti ser tgħaddi sabiex tillikwida biss il-kumpens dovut lilhom għal-leżjoni sofferta.

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Victor Buttigieg et *vs.* Avukat Ġenerali**[12], il-Qorti Kostituzzjonali aċċettat il-mod kif din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, sejset il-kalkolu tagħha fuq l-insenjament tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem,

[12] 53/16JPG, deċiż 26.1.18.

jiġifieri li jingħata kumpens ta' bejn €1,000 u €1,500 għal kull sena li jdumu l-proċeduri sabiex jaslu fi tmiemhom. B'dana li ġew applikati l-istess tliet kriterji prinċipali enunċjati mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem sabiex isir aġġustament tal-kumpens dovut biex jirrifletti ċ-ċirkostanzi tal-każ.

Fil-każ odjern jirriżulta li r-rikors promotur fil-proċeduri tal-konkors ġie intavolat fit-22 ta' Awwissu, 2008, u s-sentenza finali tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla ngħatat fl-4 ta' Mejju, 2017. B'hekk il-proċeduri damu ftit inqas minn disa' snin sabiex jingħalqu. Applikati l-prinċipji suriferiti fejn qed jiġi meħud inkonsiderazzjoni (a) l-għajxien tal-ħajja hawn Malta meta maqbul ma' dak ta' pajjiżi oħra fl-Ewropa; (b) il-passività tar-rikorrenti waqt il-proċeduri tal-konkors; (ċ) ma kien hemm l-ebda appell u għalhekk il-proċeduri tal-konkors instemgħu minn qorti waħda biss; tagħti kumpens ta' €1,000 għal kull sena tad-dewmien sabiex b'hekk il-kumpens sħiħ dovut lir-rikorrenti huwa fis-somma ta' €9,000.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara li huma sofrew ksur tad-dritt fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif protett mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, filwaqt li tiċħad it-tieni talba tagħhom u tillikwida l-kumpens dovut lir-rikorrenti kollha flimkien fis-somma ta' €9,000.00 (disat elef Euro) u tikkundanna lill-intimat Avukat Ġenerali jħallas lir-rikorrenti il-kumpens kif likwidat.**

**Ir-rikorrenti għandhom iħallsu wieħed minn sitta (1/6) tal-ispejjeż, filwaqt li l-intimat l-Avukat Ġenerali għandu jħallas ħamsa minn sitta (5/6) tal-ispejjeż.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**